# L-Ipoġew ta’ Ħalsaflieni

- mħaffer taħt l-art
- huwa uniku (Ma hawnx bħalu fid-dinja kollha)
- jinsab Raħal Ġdid
- fih kienu jidfnu l-mejtin kif ukoll jagħtu qima
- hemm l-oraklu u s-Sancta Sanctorum
- tpenġija mas-saqaf magħrufa bħala s-Siġra tal-Ħajja
- mqassam fi 3 saffi

- nstabet statwa tal-Mara l-Ħoxna



Dehra impressjonanti tas-SANCTA SANCTORUM li nistgħu nsejħulha l-eqdes kamra fl-Ipoġew ta' Ħalsaflieni.



L-Ipoġew ta' Ħalsaflieni qed jitħaffer. X'aktarx li l-ewwel kien hemm xi għerien, imbagħad in-nies ta' Zmien ir-Ram komplew iħaffruhom fit-tliet saffi li nafu llum.



Fis-Sancta Sanctorum insibu tpenġija magħrufa bħala s-SIGRA TAL-ĦAJJA. Din qiegħda mas-saqaf tal-kamra.



Statwa misjuba fl-Ipoġew ta' Ħalsaflieni. Din l-istatwa hija magħrufa bħala '*the Sleeping Lady*'.



L-**ORAKLU**: hawnhekk meta jitkellem raġel, leħnu jirbombja.



Is-SANCTA SANCTORUM, il-kamra qaddisa ta' l-Ipoġew ta' Ħalsaflieni.

# Iktar dwar Ħalsaflieni

Post ieħor qaddis ta' Żmien il-Ħaġar jinsab f'**Ħalsaflieni.** Dan hi l-Ipoġew li tfisser tempju ta' taħt l-art. Dan hu bħal tempju mħaffer fil-blat taħt l-art. Fih tliet saffi jew sulari. Fis-saff ta' fuq nett in-nies ta' dawk iż-żminijiet kienu jidfnu l-mejtin. Aktar 'l isfel, fis-saff tan-nofs ħaffru kmamar magħmulin fit-tond bħall-kappelel tat-tempji, u żejnuhom bit-tpinġija fis-soqfa. Mal-ħajt int u nieżel fis-saff ta' isfel hemm ukoll jidher disinn ta' barri.

Fis-saff ta' taħt nett għamlu kmamar oħra mqassmin qishom xi wieħed mit-tempji. Waħda mill-kmamar għandha l-ħitan maqtugħin bil-ħaġar wieqaf bħalma naraw fil-fdal tat-tempji ta' Ħal Tarxien, il-Ġgantija u oħrajn. Kamra oħra hi dik ta' l-oraklu. Fiha toqba fil-ħajt li meta jitkellem raġel tirbombja mal-maqdes kollu. Is-saqaf ta' dil-kamra hu wkoll imżejjen bi tpinġija ħamranija. Dit-tpinġija jgħidulha s-Siġra tal-Ħajja.

Hawn ukoll instabu fdalijiet ta' fuħħar u ta' statwi tal-Mara l-Ħoxna. Mit-

taqsim tal-kmamar ta' l-Ipoġew nistgħu nimmaġinaw kif kienu jagħmlu biex jibnu s-soqfa tat-tempji. F'dan l-Ipoġew instabu l-fdalijiet ta' eluf ta' mejtin. Magħhom kienu jidfnu offert tal-fuħħar u tiżjin ieħor. Kollox juri li hawn kien jintuża wkoll bħala TEMPJU TAL-MEJTIN.